MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 441/2007/1

**Elena Mallia f'isimha propju
u bħala kuratrici *ad litem* tat-tifel minuri Alexander**

**v.**

**1. Charles Sant Fournier u b'digriet tat-12 ta' Gunju 2009
l-atti gew trasfuzi f'isem uliedu Maryann u Vera Maria Sant Fournier *stante* li l-istess Charles Sant Fournier miet fil-mori tal-kawza;**

**2. Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista' jkollu; u**

**3. Dr Renzo Porsella-Flores**
**u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud kuraturi deputati nominati b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2006 sabiex jirrapprezentaw lill-assenti minn dawn il-gzejjer John Mallia;**

**4. U b'digriet tal-10 ta' Gunju 2013 il-Ministru ghall-Familja u Solidarjeta` Socjali giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza "in statu et terminis"**

## Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenuti Vera Sant Fournier u Maryanne Sant Fournier, minn sentenza moghtija fl-1 ta' Gunju 2012 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] li permezz taghha dik il-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u laqghet l-ewwel zewg talbiet tal-attrici, u konsegwentement ordnat lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fl-att tat-twelid tal-minuri Alexander fi zmien xahar, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament tat-talbiet attrici stante l-mewt tal-konvenut Charles Sant Fournier, u wkoll ordnat li l-ispejjez tal-kawza jkunu bla taxxa, hlief dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandhom ikunu a spejjez tal-konvenuta Vera Sant Fournier.

Mertu

2. Il-proceduri odjerni jirrigwardaw il-paternita` tat-tifel minuri Alexander imwieled mill-attrici fit-28 ta' Gunju 2006 u li fuq l-att tat-twelid tieghu huwa jinsab registrat bhala l-wild ta' John Mallia, zewg l-attrici. Il-pretensjoni attrici hi li l-imsemmi tifel m'huwiex il-wild ta' zewgha, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut Charles Sant Fournier, u ghalhekk l-attrici talbet dikjarazzjoni gudizzjarja f'dan is-sens u l-hrug tal-ordni sabiex l-att tat-twelid tat-tifel jigi korrett sabiex ikun jirrifletti l-vera paternita` tieghu. L-attrici talbet ukoll li l-Qorti tafferma l-obbligu tal-imsemmi Charles Sant Fournier bhala missier it-tifel sabiex ihallas ghall-manteniment u ghall-edukazzjoni tieghu.

3. L-imsemmi Charles Sant Fournier miet fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, u ghalhekk dawn tkomplew mill-konvenuti Vera Sant Fournier u Maryanne Sant Fournier, bintu u martu rispettivament.

4. Fir-rikors tal-appell taghhom il-konvenuti Sant Fournier, l-appellanti, talbu li l-imsemmija sentenza tigi riformata billi tichad l-ewwel zewg talbiet tal-attrici, u takkolji l-eccezzjonijiet taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

5. Fir-risposta taghha l-attrici, appellata, talbet li, ghar-ragunijiet hemm indikati, din il-Qorti tichad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata.

6. Fir-risposta tieghu, il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, filwaqt li ddikjara li huwa jistrih fuq ir-rizultanzi processwali, irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti.

7. Fir-risposta taghhom il-kuraturi deputati talbu li, ghar-ragunijiet hemm indikati, din il-Qorti tichad l-appell, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

8. Fl-udjenza tat-28 ta’ Ottubru 2013, l-appellanti, tramite d-difensur taghhom issollevaw is-segwenti eccezzjoni:
“Dottor Joseph Schembri jeccepixxi, in vista tal-*care order* esebita, karenza ta’ interess guridiku fl-attrici, kif ukoll il-konsegwenzjali nullita` tas-sentenza appellata.”[1]

9. L-attrici, tramite d-difensur taghha rrispondiet hekk :
“Dottor Patrick Valentino jissottometti illi l-hrug ta’ care order hija mizura temporaneja limitata ghal kura u kustodja tal-minuri, izda l-patria potestas fuq il-minuri tibqa’ fuq il-genitur, u ghalhekk l-eccezzjoni tal-appellanti hi nfondata.”[2]

10. Min-naha tieghu l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku assocja ruhu mar-risposta tal-attrici, filwaqt li l-

---

[1] Fol.268
[2] Ibid

kuraturi deputati rrimettew ruhhom ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti.

**Is-Sentenza Appellata**

11. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

…………………omissis…………………

“Illi kif jidher mir-rikors promotur l-attriċi qed titlob li l-att tat-twelid ta’ binha jiġi korrett billi minflok isem żewġha jitniżżel isem il-konvenut Charles Sant Fournier. Sfortunatament dan ġie nieqes fil-kors tal-proċeduri li allura tkomplew kontra bintu. Ġiet ukoll ċitata martu għaliex l-attrici jidher li kellha l-impressjoni li Mary Anne Sant Fournier kienet bintu.

“Illi għandu jingħad li l-attrici talbet li jiġi reżumat il-mejjet Charles Sant Fournier biex isir l-analiżi tad-DNA iżda l-konvenuta opponiet. Għalhekk il-Qorti jkollha tistrieħ fuq il-provi li ressqu l-partijiet.

“Illi l-attriċi ppreżentat affidavit b’diversi ritratti. Hija tgħid li għalkemm iżżewġet lil John Mallia, dan ilu illi telaq minn Malta u kellha relazzjoni mal-konvenut li minnha twieled il-minuri. Tgħid li huwa kien affezzjonat ħafna mat-tifel u esebiet kif ingħad diversi ritratti li fihom jidher id-*decujus* f’atteġġjamenti teneri ħafna, sija magħha stess kif ukoll mat-tarbija. Xehdu wkoll persuni oħra verbalment jew permezz ta’ affidavit, fejn lkoll iddikjaraw li kienu jafu bir-relazzjoni. Fost dawn ix-xhieda kien hemm Halida Kuduzovic, Suleiman Mohammed u Edwin Camilleri. Skond uħud minnhom, il-konvenut anke ħa ħsieb il-*party* tal-magħmudija u kien ikun mal-attriċi anke fiż-żmien li hija kienet tqila.

“Illi l-konvenuta Mary Anne Sant Fournier ippreżentat affidavit tagħha fejn qalet li (għall-kuntrarju ta’ dak li qalet l-attriċi), żewġha dejjem għex id-dar magħha u kien iħobb il-familja; meta l-attriċi bdiet tivvessah u tinsisti li kellu jieħu ħsieb it-tifel, huwa dejjem ċaħad li dan kien ibnu. Huwa miet għall-għarrieda u baqa’ jiċħad sal-aħħar. Ġie ppreżentat ukoll affidavit ta’ Patrizia De Feo li qalet li meta

hija staqsiet lill-konvenut jekk dan it-tifel kienx tiegħu, huwa ċaħad u qal li kieku kellu tifel kien isemmih għal missieru.

"Illi l-Qorti għalhekk biex tiddeċiedi din il-kawża trid tiżen il-provi u tara liema verżjoni hija l-aktar kredibbli. *The Court must wiegh the evidence, not count the witnessess; so that if the evidence of one witness is in conflict with that of more than one witness, that single evidence should prevail if it better accords with the facts according to the ordinnary course of human affairs and the usual habits of life.* (**"Police vs Trevor Pressider"**, Qorti tal-Appelli Kriminali, 29 ta' Novembru 1958).

"Illi l-Qorti jidhrilha li kollox ma' kollox, l-attriċi ressqet biżżejjed provi biex tikkonvinċi lill-istess Qorti li t-talba tagħha għandha tiġi milqugħa. Ix-xhieda prodotti minnha, jidhru kollha veritjiera u r-ritratti esebiti minnha ma jħallu ebda dubju li bejnha u l-konvenut kien hemm relazzjoni intima, kif ukoll li l-konvenut kellu affezzjoni kbira għat-tifel. Jidher pero' li l-istess konvenut beda jippanikja kif appena saret taf martu u beda jiċħad kollox. Madankollu imbagħad kien tard wisq biex jiskansa r-responsabbiltajiet tiegħu. *Oltre* dan, <u>anke qabel ma bdiet il-kawża</u>, hija kienet qed titlob li jsir it-test tad-DNA, xi ħaġa illi ma kenitx tagħmel kieku kellha l-faħam miblul (*vide* l-ittra esebita mibgħuta f'isimha lil Dr Caruana Curran li dak iż-żmien jidher li kienet il-konsulent tal-konvenut)."

<u>L-Appell</u>

12. Dan hu bazat fuq aggravju wiehed li hu fis-sens li s-sentenza appellata hija zbaljata kemm legalment kif ukoll fattwalment.

*Nullita`*

13. Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-aggravju fuq il-mertu, ser tezamina l-aggravju procedurali sollevat mill-appellanti fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2003 li permezz taghha qed isostnu n-nullita` tas-sentenza

minhabba karenza ta’ interess guridiku da parti tal-attrici biex tressaq din il-kawza.

14. Kif gja` osservat minn din il-Qorti fil-kawza **Carmen Zammit v. Wail Dadouch**, deciza 19 ta’ April 2005 omm il-minuri ghandha interess li f’isimha personali tezercita l-azzjoni sabiex tigi impunjata l-legittimita` ossia l-filjazzjoni ta’ binha. Hija ghandha interess li l-istat veru ta’ binha jigi stabbilit u li r-realta` bijologika dwar il-paternita` ta’ binha tigi determinata sabiex it-tifel ma jitrabbiex gewwa finzjoni legali. Dan l-interess huwa wiehed attwali u guridiku, u jipperdura tul il-proceduri. Ghalhekk l-eccezzjoni odjerna inkwantu bazata fuq l-interess guridiku tal-attrici hija nfondata legalment.

15. Ma’ dan jizdied, in vista ta’ sottmissjonijiet maghmula mill-partijiet fit-trattazzjoni orali taghhom, li l-*care order* fuq il-minuri harget fid-19 ta’ Dicembru 2011[3], filwaqt li l-proceduri quddiem l-ewwel Qorti gew inizjati fis-6 ta’ Novembru 2007 meta allura l-attrici kellha mhux biss is-setgha ta’ genitur, izda anke l-kura u l-kustodja tat-tifel, u ghalhekk leglament kellha d-dritt li tistitwixxi dawn il-proceduri anke ghan-nom tat-tifel.

16. Illum, bl-intervent fil-kawza tal-Ministeru ghall-Gustizzja u Konsultazzjoni Pubblika, ma jistax jinghad li l-interessi tat-tifel mhux qed jigu salvagwardati.

17. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija infondata.

*L-aggravju*

18. Ghalkemm fl-aggravju taghhom l-appellanti jghidu li s-sentenza hija zbaljata wkoll mill-aspett legali, huma ma ressqu ebda sottomissjoni fir-rigward, izda llimitaw l-aggravju taghhom ghal konsiderazzjonijiet fattwali. Ghalhekk fis-sustanza l-aggravju huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi meta waslet ghall-konkluzjoni li taccetta bhala veritiera t-tezi attrici, li t-tifel

[3] F’dan l-istadju l-attrici kienet diga’ ghalqet il-provi taghha, u l-kawza kienet waslet fl-istadju finali taghhom

minuri Alexander huwa l-wild naturali u biologiku ta' Charles Sant Fournier.

19. Fis-succint, l-appellanti jghidu: li l-attrici hi tenuta li ggib l-ahjar prova, u l-konvenuti huma biss tenuti li jirribattu l-allegazzjonijiet taghha; li l-provi tal-attrici kellhom ikunu bazati fuq fatti konkreti li jwasslu ghall-konvinciment morali tal-gudikant, u mhux ghall-konkluzjoni bazata fuq "*kollox ma kollox*", partikolarment f'kazijiet ta' certu portata bhal dawk in dizamina; li l-konvenut Charles Sant Fournier dejjem cahad il-paternita` tat-tifel, kemm ma' martu kif ukoll mal-barranin; li l-attrici ma kkontestat xejn minn dak li ntqal fuqha mill-appellanti fl-affidavit taghhom; li x-xhieda mressqa mill-attrici ma jsostnux sodisfacentement l-allegazzjonijiet taghha, u li l-attrici naqset milli tressaq bhala xhieda persuni li skont hi kienu jafu bir-relazzjoni taghha mal-imsemmi konvenut; u li l-hrug tal-*care order* issostni t-tezi tal-appellanti li l-proceduri odjerni saru u qed jitkomplew fl-interess tal-attrici u mhux fl-interess tat-tifel.

20. Min-naha taghha l-attrici tirribatti hekk: li l-allegazzjoni tal-appellanti li hi hija mara gerrejja u li kellha hafna relazzjonijiet sesswali ma hafna rgiel ma ssibx konfort fil-provi; li jirrizulta provat li bejn l-appellata u l-imsemmi Charles Sant Fournier kien hemm relazzjoni stabbli; li l-appellanti opponew bil-qawwa sabiex isiru t-testijiet genetici u ghalhekk ghandha tiskatta l-inferenza kontemplata fl-Artikolu 70 tal-Kap.16; li mal-provi hemm lista ta' dokumenti li jsostnu t-tezi attrici dwar il-paternita` ta' binha, u li ma gewx kontradetti mill-appellanti; l-oppozizzjoni qawwija da parti tal-appellanti ghall-produzzjoni ta' Gaetano Grech bhala xhud hija indikazzjoni li l-konvenuti ma jridux li tohrog il-verita`.

21. L-attrici ssostni li "*il-provi prodotti fil-kawza odjerna jmorru oltre dak rikjest mill-kamp civili, izda jista' jinghad bla tlaqliq illi gie provat bla ebda dubju dettat mir-raguni li d-defunt Charles Sant Fournier huwa l-missier naturali tal-minuri*."

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

22. Ghall-kaz odjern huma applikabbli s-segwenti principji guridici:

23. Kull gudikant hu fl-obbligu li jiddeciedi *iuxta allegata et probata* u fuq ir-rizultanzi fattwalment provati. *[App.S Vol.LXXIV.II.869].* “Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju m’huwiex dak jekk il-gudikant jemminix l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc ta’ probabbiltajiet, sostratt baziku ta’ azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta’ dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli” [PA **George Bugeja v. Joseph Meilak**, deciza 30 ta’ Ottubru 2003]

24. Il-Qorti tal-Appell bhala qorti ta’ revizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, hlief meta tkun manifestament zbaljata jew ghax ikun hemm ragunijiet serji [App.C. **Emanuel Cardona et v. Dr.Graham Busuttil** et 10/01/1995]. Dan ma jsirx “sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament ta’ provi li ghamlet l-ewwel qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ingustizzja manifesta” [App.C**. Paul Formosa v. Salvu Debono** deciza 5/10/2001]

25. Fil-kawza **Av.Dr.Henry Mamo v. Joseph Farrugia** deciza fis7 ta’ Lulju 2006 din il-Qorti osservat hekk:
“Kif sewwa osservat din il-Qorti.. fil-kazwa **Bezzina v. Falzon** [11/1/1995] ‘Il-Qorti tal-Appell ma tistax tissostitwixxi dak il- konvinciment morali b’konvinciment morali iehor kuntrarju jew oppost. Dan mhuwiex il-kompitu ta’ Qorti ta’ Appell, il-funzjonijiet u d-doveri ta’ din il-Qorti huima ohra; huma ta’ natura purament oggettivi

fis-sens li kontra dak il-konvinciment morali soggettiv tat-Tribunal li jkun sema' l-provi u wisinhom ghandha topponi elementi oggettivi ta' prova, jew inkella ta' dritt li jiggustifikaw lil din il-Qorti minhabba l-komposizzjoni plurali taghha, li fuq dawk l-elementi oggettivi hi thaddi biex thassar jew telimina l-konvinciment morali soggetti tal-ewwel gudikatn, imma mhux altrimenti."[4]

26. Fil-mertu din il-Qorti tosserva li, anke fl-assenza tal-prova xjentifika, jezistu elementi ta' prova sufficjenti sabiex isostnu t-talba attrici dwar il-paternita` tal-minuri, u, kif ser jigi muri aktar 'il quddiem il-frazi *"kollox ma' kollox"* m'ghandhiex tfisser li l-ezami li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed superficjali, izda tfisser li dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha wara li hadet in konsiderazzjoni l-assjem kollu tal-provi.

27. Fis-succint, mill-provi jirrizulta li l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut, illum mejjet, Charles Sant Fournier ghall-perjodu ta' aktar minn sitt snin. Matul dan il-perjodu twieled il-minuri Alexander. Jirrizulta li, anke wara t-twelid ta' dan il-wild, dawn il-partijiet komplew bir-relazzjoni taghhom.

28. It-tezi tal-attrici tinsab, f'partijiet saljenti taghha, sostnuta mix-xhieda prodotta minnha, u cioe` Edwin Camilleri, li kien habib ta' zewgha, Salem Suleiman Mohammed li kien sar jaf liz-zewg partijiet wara li l-attrici kienet applikat biex timpjega ruhha bhala segretarja fil-kumpanija tieghu, Halida Kudvzovic, habiba tal-attrici, u d-diversi ritratti ezebiti mill-attrici, li juru lill-istess Charles Sant Fournier kemm maghha, kif ukoll mat-tifel wahedhom, u anke fil-kumpanija ta' hbieb taghhom.

29. Hemm imbaghad dokumenti ohra li, ghalkemm fuqhom it-tifel huwa indikat bil-kunjom Sant Fournier, izda

---

[4] [Ara wkoll: App. ***Marshall Marcus v. Aquilina Raymond*** – 6/12/2002; App.Inf. ***Carmelo Agius v. John Agius*** 2/12/1994 Vol.XXVIII.II.336; App.S. ***John Grima v. Victor Borg*** – 28/11/2008 li ccitat bran mis-sentenza App.S. ***Borg Barthet v. Carnik Contructions Limited*** – 13/10/2008]

ma tressqux provi dwar min ta l-informazzjoni kontenuta fihom, jew jekk Charles Sant Fournier kienx jaf bihom.

30. Huwa sinifikattiv il-fatt li l-attrici kienet dejjem lesta li tissottometti kampjuni sabiex isiru t-testijiet genetici ghall-konferma xjentifika tal-paternita` tat-tifel, kemm qabel ma bdew il-proceduri, meta allura Charles Sant Fournier kien ghadu haj, kif ukoll matul il-proceduri odjerni wara l-mewt tieghu.

31. Min-naha taghhom il-provi tal-konvenuti kienu jikkonsistu fl-affidavit tal-mara ta’ Charles Sant Fournier, li mieghu giet annessa registrazzjoni ta’ konverzazzjoni bejn l-istess Charles Sant Fournier u l-Avukat Dottor Victor Ragonesi li jidher li dak iz-zmien kien l-avukat tal-attrici, kif ukoll affidavit ta’ certa Patrizia de Feo. Jinghad ukoll li l-konvenuti oggezzjonaw ghat-talba li saret matul il-proceduri sabiex issir l-ezumazzjoni tal-kadavru ta’ Charles Sant Fournier ghall-finijiet tat-testijiet xjenitifici tad-DNA.

32. L-ewwel Qorti deherilha li mill-assjem tal-provi mressqa l-attrici rnexxielha tipprova li t-tifel Alexander kien il-wild naturali tal-mejjet Charles Sant Fournier, u din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi, stante li anke din il-Qorti thoss li hemm provi bizzejjed sabiex it-talba attrici setghet ragjonevolment tigi sostnuta.

33. Fir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

34. It-tezi attrici, konfermata minnha bil-gurament, li hi kellha relazzjoni stabbli ma’ Charles Sant Fournier, issib konfort shih kemm mir-ritratti esebiti, kif ukoll mix-xhieda mressqa minnha.

35. Halida Kudvzovic[5], il-parrina tat-tifel, fl-affidavit taghha tghid li l-attrici u Charles Sant Fournier kienu

[5] Fol.201

jghixu flimkien u li dan, fil-prezenza ta’ hbieb intimi taghhom, kien jintroduci lit-tifel bhala ibnu. Anke waqt ic-cerimonja tal-maghmudija u fil-prezenza tal-qassis huwa kien ikkonferma li t-tifel kien tieghu.

36. Edwin Camilleri, li xehed *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti, ghalkemm stqarr li ma kienx jaf min hu missier it-tarbija, qal li lilhom kien jarahom *“qishom hbieb sewwa tal-qalb”*. Qal ukoll li *“jiena kont narahom dejjem flimkien … kien igibha dejjem mieghu… Heqq meta konna mmorru biex niftehmu fuq il-bicca tal-business dejjem kien igibha mieghu. Meta mort il-party [tal-maghmudija tat-tifel] rajthom hemmhekk.”*

37. Salem Suleiman Mohammed ukoll xehed *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti. Dan ikkonferma li l-attrici kienet ta’ spiss tattendi l-post tax-xoghol tieghu sabiex titghallem ix-xoghol ta’ segretarja. Jghid li b’kollox kienet marret ghandu aktar minn erbghin (40) jew hamsin (50) darba[6] u li Charles Sant Fournier kien imur ghaliha bil-karrozza anke fiz-zmien li din kienet incinta. Fi kliemu *“I can say that he comes many times with her, he comes also to take her home. I remember that also she was pregnant se he tried also [at that time] especially, he comes for her to accompany her with his car.”*[7] . Dan ix-xhud jghid ukoll li *“I saw them together many times, so could be my mind automatically that this is the guy that she got pregnant with.”*[8]. Huwa jikkonferma li Charles Sant Fournier kien ikun fil-kumpanija tal-attrici u li kien imur ghaliha l-ufficcju, anke wara li kien twieled it-tifel[9].

38. Ir-ritratti esebiti mill-attrici, u li l-genwinita` taghhom ma gietx kontestata mill-konvenuti, juru lill-attrici u lil Charles Sant Fournier f’poza romantika, f’diversi postijiet ta’ Malta, u anke ghand il-hbieb taghhom. Uhud minnhom juru lil Charles Sant Fournier jippoza ghar-ritratt jerfa’ t-tifel u jzommu ma qaddu, u ohrajn li juru lilu fuq naha

---

[6] Fol.210
[7] Fol.205
[8] Fol.207
[9] Fol.208

jerfa' lit-tifel, u fuq naha ohra lill-attrici tippoza mieghu, f'qaghda li generalment issibha f'*'family photos'*.

39. Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li r-ritratti huma indizzju qawwi hafna dwar l-ezistenza u t-tip ta' relazzjoni li Charles Sant Fournier kellu mal-attrici u mat-tifel, u jaghtu konfort shih lit-tezi attrici li f'xi zmien dawn kellhom relazzjoni stabbli u li Charles Sant Fournier kien accetta lit-tifel bhala ibnu. Altrimenti, x'kien wassal lil dan sabiex jippoza ghal dawk ir-ritratti? Huwa minnu li l-attrici forsi kienet qed tikkonsolida l-kaz taghha sabiex tipprova li t-tifel huwa ta' Charles Sant Fournier, izda dan ma jimmilitax kontra t-tezi li t-tifel huwa tieghu.

40. Din il-Qorti tirrileva li fiz-zmien relevanti dan il-konvenut ma kienx xi zaghzugh jew adult zghir li forsi, sforz ta' spensjeratezza jew immaturita` fil-hsieb, ma kienx apprezza s-sinifikat tal-azzjoni tieghu, izda kien bniedem li kellu 'l fuq minn hamsin (50) sena, mizzewweg b'tifla, u kien ilu li dahal fid-dinja tax-xoghol, u li ghalhekk zgur li kellu dik il-maturita` li taghmlu konxju tal-azzjonijiet tieghu. Dan iwassal ghall-konkluzjoni li meta l-konvenut ippoza ghal dawk ir-ritratti, kemm mal-attrici kif ukoll mat-tifel, zgur li kien konxju ta' dak li kien qed jaghmel, u cioe` li jimmortalizza r-relazzjoni fil-qrib li kellu mal-attrici u mat-tifel. Ghalhekk, fil-fehema ta' din il-Qorti, dawn ir-ritratti f'dan il-kaz ghandhom valur probatorju qawwi li jsostni t-tezi attrici, u l-ewwel Qorti kienet intitolata li tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

41. Din il-konkluzjoni tinsab fortifikata bil-fatt li l-attrici, kemm qabel il-proceduri, meta allura Charles Sant Fournier kien ghadu haj, kemm wara l-mewt tieghu, hija riedet li l-paternita` tat-tifel tigi konfermata bit-testijiet genetici. Dwar il-proposta taghha li saret qabel il-kawza, ma jirrizultax li din giet segwita, izda dwar it-talba taghha maghmula fil-mori tal-proceduri, sabiex issir l-ezumazzjoni tal-kadavru ghall-finijet tat-testijiet gentici, din giet opposta mill-konvenuti martu u t-tifla tieghu.

42. Dwar dan l-ahhar fatt il-Qorti tosserva li, ghalkemm ma jistax jigi validament inferit li r-rifjut da parti ta' dawn

jekwivali ghal xi ammisssjoni da parti taghhom tat-tezi attrici, minn naha l-ohra jista' jaghti lok ghall-inferenza li lanqas il-konvenuti stess ma huma konvinti li t-tifel mhux il-wild naturali ta' Charles Sant Fournier. Issa ghalkemm huwa minnu li l-oneru tal-prova jirrisjedi fuq l-attrici, izda mill-banda l-ohra, il-prova genetika ma setghetx issir jekk mhux bil-kunsens tal-konvenuti. Fic-cirkostanzi din il-Qorti tosserva li l-kunsens necessarju sabiex isiru t-testijiet genetici kien ikun mhux biss ta' ghajnuna ghall-amministrazzjoni korretta tal-gustizzja izda primarjament kien ikun fl-interess tat-tifel minuri li, apparti mill-fatt li ghandu kondizzjoni ta' dizabilita`, fil-prezent qed jghix f'istitut rizultat tal-hrug tal-*care order* fuq imsemmija. Din l-ahhar konsiderazzjoni iddghajjef it-tezi tal-konvenuti li l-kawza saret fl-interess uniku tal-attrici b'tentattiv da parti ta' din sabiex takkwista proprjeta' minghand il-familja Sant Fournier.

43. Il-konsiderazzjonijiet premessi jikkontradixxu u jdghajjfu serjament dak sostnut mill-konvenuta Maryanne Sant Fournier fl-affidavit taghha fejn iddeskriviet lil zewgha bhala ragel tal-familja u fejn affermat li hi kienet emmnitu meta kien qallha li ma kellux relazzjoni mal-attrici. Sfortunatament il-provi konkreti juru mod iehor, u l-mezzi qawwija ta' prova li l-konvenuti kellhom biex jinnewtralizzaw il-provi konkreti mressqa mill-attrici, u cioe` t-testijiet xjentifici, ma setghux jimmaterjalizzaw minhabba n-nuqqas tal-kunsens taghhom.

44. Huwa opportun li jigi osservat li s-sottomissjoni maghmula minnhom fin-nota taghhom u cioe` li *"illum fis-socjeta` moderna li qed nghixu fiha, certa affinita` bejn nies li ma humiex missewwga hija accettata"* hija fil-fehema ta' din il-Qorti inapplikabbli ghall-kaz odjern, ghax dak li jidher mir-ritratti ezebiti m'hijiex *'certa affinita`* bejn tnejn min-nies, izda hafna izjed minn hekk, u jaghti konfort qawwi lit-tezi attrici li bejn dawn iz-zewg persuni kien hemm relazzjoni stabbli. Altru minn *'certa affinita`'* accettata f'socjeta` moderna!

45. Rigward l-allegazzjoni tal-konvenuti li l-attrici hija mara gerrejja li jkollha relazzjonijiet sesswali ma' diversi

rgiel, u li hi *“uccello di bosco”* kif iddeskriviha Charles Sant Fourner fil-konverzazzjoni li kellu mal-Avukat Ragonesi, din il-Qorti tosserva li ma ngabet ebda prova in sostenn ta’ din l-allegazzjoni. Inoltre, din il-Qorti tosserva li kieku kien minnu li l-attrici hija mara gerrejja, allura aktar u aktar il-konvenut Sant Fournier kellu jevita l-kumpanija taghha, jew almenu jevita li jittiehdu ritratti bhal dawk esebiti.

46. Rigward l-kontenut tal-affidavit ta’ Halida Kuduzovic, il-konvenuti jinsinwaw li, ghax din hi mara ta’ nazzjonalita` Russa habiba tal-attrici, allura dan b’xi mod idghajjef il-kredibilita` taghha. Jghidu wkoll li x-xhieda mressqa mill-attrici ma jipprovaw xejn ghajr tezijiet u *“zgur li ma jikkostitwux prova skont il-ligi, ghax ikompli jsostnu l-konvenuti li l-ahajr prova kienet tkun jew l-ammissjoni da parti tal-Charles Sant Fournier jew “billi jsir l-ezami tad-DNA, li ma setax isir billi [dan] lahaq miet”.*

47. Il-Qorti tosserva li ma hemmx provi li jikkontradicu dak li xehedet l-attrici, il-habiba taghha Halida u z-zewg xhieda l-ohra Edwin Camilleri u Salad Suleiman Mohammed li xhedu *viva voce* quddiem il-Qorti, u ghalkemm dawn l-ahhar xhieda stqarrew li ma kienux jafu missier it-tifel, ix-xhieda taghhom tati konfort qawwi lit-tezi attrici, senjatament li bejnha u bejn Charles Sant Fournier kien hemm relazzjoni intima stabbli.

48. Issa, huwa minnu li fl-affidavit taghha, Patrizia de Feo, xhud tal-konvenuti, stqarret li kien hemm okkazzjoni meta Charles Sant Fournier kien qallha li t-tifel ma kienx tieghu ghax kieku kien isemmih ghal misseru, u huwa minnu li fil-konverzazzjoni mal-Avukat Ragonesi, l-istess Sant Fournier iddeskriva lill-attrici bhala *‘uccello di bosco’* u li kien ser jikkontesta t-talba tal-attrici, izda mill-banda l-ohra jezistu provi ohra, li fil-fehema ta’ din il-Qorti huma aktar qawwija, u li fuqhom l-ewwel Qorti deherilha li ragjonevolment kellhom iwassluha ghall-konkluzjoni li wasslet ghaliha.

49. Rigward l-ilment tal-konvenuti li l-attrici kellha tressaq l-ahjar prova f’dawn il-proceduri, il-Qorti tosserva li l-attrici ressqet provi sufficjenti sabiex fl-assiem taghhom

isostnu t-tezi taghha. Rigward it-test tad-DNA, donnhom il-konvenuti nsew li dan ma sarx mhux ghax ma rieditx l-attrici, izda ghax il-konvenuti opponew ghall-process sabiex dan jista’ jsir, u l-ewwel Qorti kellha ragun tqis il-fatt li l-attrici talbet sabiex isir l-ezami tad-DNA bhala *“xi haga li ma kienitx taghmel kieku kellha l-faham miblul.”*

50. Il-konvenuti jistaqsu *“Allura ghala c-certifikat tat-twelid tat-tifel jghid xorta ohra u cioe` li huwa iben zewgha.?”* Ir-risposta ghal din id-domanda hija l-prezunzjoni legali *juris tantum* li tinsab fl-Artikolu 67 tal-Kap.16, u cioe` *pater is est quem justae nuptiae demonstrant*.

51. Jigi osservat ukoll li l-fatt li fil-mori tal-proceduri nharget *care order* fuq it-tifel ma jimmiltax kontra l-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti, stante li dan il-fatt ftit li xejn ghandu relevanza dwar il-kwistjoni tal-paternita`, imma huwa indikattiv biss li l-attrici m’hijiex fil-pozizzjoni li tiehu hsieb it-tifel adegwatament.

52. Ghaldaqstant l-aggravju tal-appellanti huwa nfondat.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet fuq indikati, filwaqt li tichad l-eccezzjoni tan-nullita` tas-sentenza appellata sollevata mill-appellanti, tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuti Sant Fournier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------